# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Rikors Numru 252/2022 TA**

**Giacinto San Filippo(ID0184261A)**

**Vs**

**CD Power Solutions Co. Ltd(C51223)**

**<u>Il-Qorti</u>**

Rat ir-rikors ta' CD Power Solutions Co. Ltd (Soċjeta' rikorrenti) tat-22 ta' Marzu 2022.

Rat li Giaċinto San Filippo (l-intimat) baqa' ma għamilx nota kif titlob il-liġi.

Rat l-atti kollha ta' din il-proċedura.

Semgħet ix-xhieda prodotta mill-intimat. Semgħet lill-abbli difensuri tal-partijiet jittrattaw ir-rikors.

Rat li ir-riokrs tħalla għal digriet *in camera*.

**Konsiderazzjonijiet**

Preżentement hemm pendenti Kawża bejn il-partijiet li bis-saħħa tagħha l-intimat qiegħed jitlob il-ħlas ta' danni b'konsegwenza ta' inċident industrijali. F'din il-Kawża l-intimat qiegħed isostni li dan l-inċident seħħ minħabba responsabbilita' unika tas-Soċjeta' Rikorrenti. In kawtela tal-pretensjonijiet f'dik il-Kawża, l-intimat kiseb il-ħruġ tal-mandat ta' sekwestru mertu ta' dawn il-proċeduri fl-ammont ta' ftit 'l fuq minn mitt elf ewro (€100,000).

B'dawn il-proċeduri is-Soċjeta' rikorrenti qiegħda titlob ir-revoka ta' dan il-mandat peress li għandha polza ta' assikurazzjoni li tkopri sinistri ta' din ix-xorta maħruġa minn Atlas Insurance. Din is-Soċjeta' assikuratriċi saħansira ħarġet id-dikjarazzjoni fis-sens li ser tagħmel tajjeb għal kull dikjarazzjoni u likwidazzjoni ta' danni a favur l-inimta fil-Kawża fuq imsemmija (ara a' fol 4).

Is-Soċjeta' rikorrenti isostni li din il-polza tissodisfa r-rekwiżiti tal-artikolu 836(1)(c) tal-Kap 12 tal-liġijiet. Din il-parti tal-liġi tiddisponi li jista' jinħareġ kontro mandat jekk *ikun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni.*

Bosta huma dawk id-digrieti li ngħataw minn dawn il-Qrati dwar xi tfisser din il-parti tal-liġi. Każ li huwa simili ħafna għall-fatti li għandha quddiema din il-Qorti huma dawk tad-digriet **tal-Prim'Awla per Imħallef Audrey Demicoli fir-Rikors Nru 659/2021 (AD) ll-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-**

**Mandat ta' Sekwestru bin-numru 987/2021 (AD) fl-ismijiet: Justin Fenech -vs- Saviour Attard et tad-29 ta' Dicembru 2021** . Fdan id-digriet is-Soċjeta' assikuratriċi f'dawk il-proċeduri, ukoll iddikjarat li qed *"taċċetta r-responsabbilta' biex tħallas is-somom kollha li jistgħu jkunu dovuti għad-danni riżultanti mill-inċident li seħħ fit-23 ta' Jannar tas-sena 2019".* Wieħed jista' jgħid li r-rikorrent f'dawk il-proċeduri ressaq argumenti simili għal dawk tas-Soċjeta' rikorrenti f'dawn il-proċeduri.

Dik il-Qorti għamlet referenza għal dak li ntqal fi proċeduri simili oħrajn, fis-sens li sabiex jingħad li teżisti garanzija xierqa jeħtieġ jintwera li tali garanzija tinstab fi ħdan il-persuna sekwestrata. Il-kreditu li jista' jkun dovut lill-persuna eżekutata minn terza persuna ma jammontax bħala garanzija adegwata fil-konfront ta' intimat eżekutat ieħor. It-tressiq fih innifsu ta' polza ta' assikurazzjoni bħala garanzija xierqa oħra għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi ma jwassalx, ġeneralment, għat-tħassir tal-Mandat, u dan għaliex il-polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt bejn l-assikurat u l-assikuratur tiegħu, u ma toħloqx b'daqshekk biss jeddijiet favur il-kreditur tal-assikurat. (Ara **Rik Nru 1290/2018 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 2042/2018 fl-ismijiet Charlette Ciantar -vs- Dr Katiucha Gatt Galea, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħallef Robert G Manġion, 21 ta' Frar 2019** u kif ukoll **Rik Nru 740/2010 fl-ismijiet LK Limited Żebbuġ Malta -vs- Adrian Zammit, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħallef Joseph R Micallef, 29 ta' Settembru 2010**).

Din il-qorti, kif presjeduta ukoll kellha okkażjoni li tesprimi dwar l-elementi ġuridiċi ta' din il-parti tal-liġi u ċioe' li biex garanzija tkun konformi mal-kwalitajiet

rikjesti minn dan l-artikolu, il-kreditur irid ikollu moħħu mistrieħ, li fir-rejalizżżazzjoni ta' dik il-garanzija, mhux raġjonevolment mistenni li jiltaqa' ma' xi ostakoli biex jitħallas. Dan ma jfissirx li dawn l-ostakoli jridu jkunu jidhru jew jeżistu fil-mument tal-eżistenza tal-garanzija; hija biżżejjed il-potenzjalita' jew il-possibilta' li jirrikorru dawn l-ostakoli. (**Rikors Nru 1058/2020 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju nru 370/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), tal-15 ta' Frar 2021 fl-ismijiet Raymond Mifsud -vs- Jesmond Mifsud**).

Dan huwa tagħlim li konstantament u b'mod unformi ġie abbraċċjat mill-ermenewtika sentenzjali tagħna tant li ġie ukoll spjegat li *"f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piż tal-prova li jeżisti ġid ieħor li jista' jagħmel tajjeb għall-pretensjonijiet tal-intimat eżekutant jaqa' biss fuq il-parti eżekutata rikorrenti . Fuq kollox, tali garanzija trid tkun waħda soda, ċara u realiżżabbli lill-eżekutant; Illi t-tressiq fih innifsu ta' polza ta' assikurazzjoni bħala garanzija xierqa oħra għall-finijiet ta' din id-dispożizzjoni tal-liġi ma jwassalx, ġeneralment, għat-tħassir tal-Mandat, u dan għaliex il-polza ta' assikurazzjoni hija kuntratt bejn lassikurat u l-assikuratur tiegħu, u ma toħloqx b'daqshekk biss jeddijiet favur il-kreditur tal-assikurat."* (Ara **fost oħrajn P.A. TM 18.9.2002 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet John Żarb -vs- Port Cottonera Ltd. 5; P.A. TM 5.6.2003 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Emanuel Sammut et -vs- Josephine Sammut; P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Dr. Tonio Fenech noe -vs- Dr. Patrick Spiteri pro et noe et; P.A. TM 20.2.2003 fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet Ranger Company Ltd -vs- Euro Imports Ltd; P.A. GCD 26.10.1999 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet Office Technology Limited vs J.M. Supplies Company Limited;**

**Digriet tad-29 ta' Settembru 2010 rikors numru 740/2010 fl-ismijiet LK Ltd -vs- Adrian Zammit**).

Fl-aħħar nett irid jingħad ukoll li l-polza li fuqha qed tistrieħ is-Soċjeta' rikorrenti ma ġietx esebita f'dawn l-atti.

Minn dan kollu u minn eżami tal-fatti li għandha quddiemha, din il-Qorti hija konvinta li ma jeżistux l-elementi ġuridiċi biex jintlaqgħu t-talbiet tas-Soċjeta' rikorrenti abbażi tal-artikolu tal-liġi minnha ċitat.

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija l-Qorti qiegħda **tiċħad it-talbiet** tar-rikors odejrn.

Spejjeż għas-Soċjeta' rikorrenti.

**Imħallef Toni Abela**

**Illum 29 t'April, 2022**